28 ta' April, 1949

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Neg. Emmanuele Azzopardi *versus* Avv. Dr. Salvatore Xuereb ne. (*)

**Bejgħ — Azzjoni Redibitorja — Azzjoni Rexissorja — Art. 1481 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-vizzju redibitorju li jagħti lok għar-riżoluzzjoni tal-bejgħ huwa dak li ma jidherx u-l-jew li x-xerrej ma setax isir jaf bih waħdu.*

*Meta d-difett fil-merkanzija jkun jidher u seta' jinduna bih kulħadd, mhux il-każ ta' azzjoni redibitorja, għax jonqos il-vizzju moħbi; imma huwa l-każ ta' l-azzjoni rexissorja għax il-merkanzija ma hix merkantibili.*

L-attur fit-taħrika qal illi fis-17 ta' Diċembru 1946 aċċetta li jixtri minn għand l-imsemmi Negozjant Antono Theuma nomine 52 kaxxa "Glen Mist Whisky Liqueur" bil-prezz ta' £7. 10. 0 F.O.B. United Kingdom Port il-kaxxa ta' tnax-il flixkun kull waħda, fuq garanzija ta' l-imsemmi Theuma li dan il-whisky kellha tkun tajba u famuża; u illi fit-3 ta' April 1947, għan-nom tad-ditta "E. Theuma & Co." huwa ħallas "de proprio" fid-Dwana ta' Malta s-somma ta' £100 bħala dazju (dok. A) fuq 20 kaxxa ta' l-imsemmi whisky illi kienu waslu Malta; u qal illi, wara li huwa ħtira dawn il-20 kaxxa whisky, sab li dina l-merkanzija ma kienetx kummerċjabili, għarraġuni illi, barra milli l-kwalità tagħha mhix tajba, il-kontenut tal-fliexken kien qiegħed jiffermenta u joħroġ minnhom, kif ammetta l-istess Antonio Theuma u kif kellu jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, jiġi riżolut il-bejgħ ta' 52 kaxxa whisky fuq imsemmijin, u l-istess konvenut nomine jiġi kundannat jirrifondi lill-attur il-£100 fuq riferita u l-ispejjeż l-oħra kontessi mar-riċezzjoni ta' l-imsemmija merkanzija, ammontanti għal £1. Bil-lukri kummerċjali u bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-kontroprotest tat-18 ta' April, ta' l-ittra uffiċjali tas-26 ta' April, u taċ-ċedola ta' depożitu tad-29 ta' April 1947;

*Omissis;*

(*) Konfermata fl-Appell, 28. 4. 1949.

Mill-provi li saru u mill-perizja rriżulta li l-attur ordna lill-konvenut ix-xorb imsemmi fit-tabrika bl-idea li dana kien whisky sempliċi, fil-waqt li x-xorb li kien ġie offert lilu, u li fil-fatti huwa ordna, kien liqueur tal-whisky, mingħajr ma għaraf sewwa d-differenza. Dik id-differenza kienet ġiet spjegata lill-konvenut mid-dar ta' barra bl-ittra tal-15 ta' Frar 1946 (fol. 67). U meta waslet il-merkanzija, dina kienet eżattament minn dik li kienet ġiet ordnata. Għaldaqstant, meta daqu u sab li x-xorb ma kienx whisky komuni, iżda kien ħelu, l-attur ma setax jipprotesta l-merkanzija għar-raġuni li x-xorb ma kienx minn dak li kien ordna. Huwa veru li fil-ħsieb tiegħu l-attur kellu idea oħra; iżda sew it-tikketti, kemm in-nomenklatura tax-xorb, kienu juru ċar u tond lil kull min jaf jaqra u jagħraf bejn xorb u ieħor li dak li fuqu saret il-kontrattazzjoni kien liqueur tal-whisky u mhux whisky sempliċi. Jekk l-attur ma kienx tal-partita u tqarraq, il-ħtija mhijiex ħlief tiegħu nnifsu, billi intriga b'ħaġa li ma kienx jifhem fiha biżżejjed minħabba nuqqas ta' esperjenza sufficjenti f'dak il-ġeneru ta' negozju;

Iżda l-attur ipprotesta l-merkanzija mhux biss għar-raġuni tad-differenza fil-kwalità, iżda wkoll minħabba li qal li x-xorb kien qiegħed jiffermenta u joħroġ mill-fliexken, u ma kienx ta' kwalità tajba, u għalhekk ma kienx merkantibili. Mill-perizja rriżulta li, bħala whisky liqueur, ix-xorb kien tajjeb u ma kellu ebda vizzju; iżda fl-istat li wasal ma hux preżentabili lill-publiku, u għalhekk mhux merkantibili. U tabilħaqq, fil-waqt li xejn ma hu fi stat ta' fermentazzjoni, dak ix-xorb ma ġiex kondizzjonat tajjeb fil-fliexken, għax it-tapp jiet tal-fliexken ma humiex ħoxnin biżżejjed a paragun tal-wisgħa ta' għonq il-fliexken; u dana ġieb għall-konsegwenza li x-xorb, biċ-ċaqliq, imbotta t-tapp 'il barra, kisser l-inċira, u l-likwidu skola, u b'hekk il-fliexken sfaw bin-nuqqas, u xi wħud vojta għal kollox. Ġie konstatat fil-perizja li l-iskol tal-likwidu attakka l-inċira ta' dawk il-fliexken li kellhom it-tappijiet aktar ħoxnin, u f'dawn ġara l-istess ħaġa, bil-konsegwenza li l-fliexken instabu wkoll imċappsin u mdellkin, u t-tikketti maħmuġin; u dana jirrendi l-merkanzija mhix preżentabili fl-istat li tinsab, u għalhekk mhix merkantibili mingħajr ma tiġi rikondizzjonata;

Il-konvenut isostni li d-difett fuq imsemmi jikkostitwixxi vizzju redibitorju, u li għalhekk l-azzjoni ta' l-attur hija l-azzjoni redibitorja, li peress li ma ġietx eżerċitata fi żmien xahar mill-konsenja l-ium tinsab maqtula (art. 1481 Kodiċi Ċivili). Huwa minnu li bħala regola, meta ħaġa tinsab ħażina, u tkun bżienet minħabba l-imbottiljatura ħażina, ikun il-każ ta' vizzju redibitorju li jagħti lok għall-azzjoni redibitorja; iżda l-vizzju redibitorju huwa dak li ma jidherx jew/u l x-xerrej ma jistax isir jaf bih waħdu. Fil-każ tal-partijiet, meta waslet l-ewwel partita ta' 20 kaxxa, l-attur ħalla iddazju qabel ma ra dik il-merkanzija fuq dokumenti, u bagħat jirtiraha per mezz tal-karrettunar li newwilhielu mix-Xatt. Il-karrettunar mill-ewwel induna li xi wħud mill-fliexken kienu vojta u oħrajn kellhom it-tappijiet maqlugħin, tant li attira l-attenzjoni lill-uffiċjal tad-Dwana, u dana żamm nota. U meta l-impjegati ta' l-attur fetħu xi kaxxi, sabu fliexken bit-tappijiet mitfuħin u jqattru, u mhux preżentabili għall-bejgħ; u allura l-attur dlonk mar ipprotesta għand il-konvenut. U għalkemm l-attur l-aktar li għamel enfasi kien fuq il-ħlewwa tal-likur u l-fermentazzjoni minnu allegata, huwa pprotesta wkoll li l-fliexken kienu qegħdin jisparaw (depożizzjoni Albert Gatt, fol. 34). U meta aktar tard infetħet xi kaxxa minn Gollcher, b'inkariku tal-konvenut, instab li l-inċira tat-tappijiet kellha l-bżieżaq u kienu joqtru (ibid.). Dana jfisser li d-difett tal-merkanzija ma kienx moħbi, u setta' jinduna bih kull'add, kif fil-fatt induna l-attur meta rtira l-merkanzija. Għaldaqstant m'aħniex fit-termini ta' azzjoni redibitorja, għax jonqos il-vizzju moħbi, iżda fit-termini ta' l-azzjoni ta' rexissjoni minħabba l-konsenja ta' merkanzija li kellha tkun merkantibili, u li fil-fatti, kif kienet kondizzjonata, ma kienetx merkantibili; u dana ma setax jiġi konstatat mill-attur ħlief wara li rtira l-merkanzija. Kwantu għat-tieni partita, dina qatt ma ġiet irtirata mill-attur, u l-konvenut iddepożitaha fid-29 ta' April 1947. Għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-konvenut rigward it-terminu tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni redibitorja, u l-eċċezzjoni mogħtija fil-fol. 78 tal-proċess, mhumiex fondati;

Għal dawn ir-raġunijiet, u fis-sens li ntqal f'din is-sentenza, il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjoni prelimi-

nari relativa għaż-żmien li fih ġiet eżerċitata l-azzjoni, u l-eċċezzjoni mogħtija fil-fol. 78 tal-proċess, u tilqa' t-talbiet ta' l-attur; bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

---